# Nistabbilixxu Paċi , Imħabba u Armonija Fis-Soċjetà

L-Assoċjazzjoni
Aħmadija Musulmana Malta

Riċeviment Speċjali ad unur ta' Ħażrat Mirża Masroor Aħmad (Khalifat ul Masiħ v). "Nistabbilixxu Paċi, Imħabba u Armonija fis-Soċjetà", Dan li ġej hu indirizz mogħti fit-Taġ Residency Ħotel, Ernakulam, Kerala fit-30 ta' Novembru 2008.






Assalamu 'Alaikum Waraħmatullah lill-mistednin kollha rispettabbli u onorevoli.

L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lill-mistednin kollha distinti, li b'qalbhom miftuħa u bil-ġentilezza kollha ngħaqdu magħna hawnhekk illum.

B'dan l-għemil tagħkom intom wettaqtu r-rabta umana ta' ħbiberija u wrejtu li intom żżommu fil-għoli s-sentimenti ta' oħrajn. L-Indja hu pajjiż vast fejn jgħixu nies ta' kasti u ta' rliġjonijiet differenti, u għas-sopravivenza tan-nazzjon hu meħtieġ li aħna nirrispettaw il-ħsus u s-sentimenti ta' xulxin.

Illum id-dinja tikkonsisti f'popli li jappartjenu lil reliġjonijiet differenti u l-fundaturi ta' dawn ir-reliġjonijiet kollha għallmu lis-segwaċi tagħhom biex iqimu Alla wieħed u jaqdu d-dmir li jagħtuH id-drittijiet li jisħoqq lilU u l-ħolqien Tiegħu. Madwar 1400 sena ilu, Alla Omnipotenti bagħat il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u l-liġi rivelata lilu fil-forma tal-Koran Imqaddes. Dwar dan il-Ktieb li fih il-liġijiet, Alla Omnipotenti jgħid fil-Koran:

"Tassew, Aħna nfusna bgħatna dawn l-eżortazzjonijiet u bla dubju ta' xejn Aħna nkunu l-Għassiesa tiegħu." (Kapitlu 15 : Vers 10)

Għalhekk, sal-lum il-Koran Imqaddes għadu fil-forma tiegħu l-aktar pura mingħajr l-ebda tibdil fih. Ħafna Orjentalisti wkoll affermaw dan il-fatt. Dan il-ktieb kien rivelat lill-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) 1400 sena ilu, u kif għedt, meta nirriflettu fuqu nindunaw li jiġbor fih firxa wiesgħa ta' suġġetti. Fejn (il-Koran Imqaddes) jikkonferma l-miġja tal-profeti f'nazzjonijiet varji, jivverifika wkoll il-verità tat-tagħlim tagħhom. Jgħallem lill-bniedem kif jeżerċita d-drittijiet tiegħu lejn ħaddieħor, liema kundizzjonijiet huma permessi għall-gwerra u sa fejn għandha tasal gwerra li bdiet. Jinfurmana wkoll dwar l-invenzjonijiet li huma mistennija fil-futur – li huma l-invenzjonijiet tal-lum – kif għandu jsir in-negozju, u l-bqija biex inkun semmejt xi ftit minnhom.

Jekk wieħed josserva l-Koran Imqaddes b'mod kritiku, it-tagħlim, tiegħu nistgħu niġbruh f'żewġ taqsimiet prinċipali. L-ewwel taqsima r-rikonoxximent tal-Ħallieq tagħna, u t-tieni juri d-drittijiet li għandhom jingħataw lill-ħolqien Tiegħu. Ukoll jekk xi kritiċi ma jifhmux xi tagħlim tal-Koran Imqaddes, jew ma jemmnux fih, iżda huma, madankollu, jammettu l-oriġinalità tiegħu. Biex jifhem il-Koran Imqaddes sewwa wieħed jeħtieġ determinazzjoni u purità fil-qalb. Mill-wasla tal-Iżlam, il-Koran Imqaddes kien imfisser lill-bnedmin mill-Profeta Qaddis nnifsu (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu), li għallmu lil sħabu; imbagħad warajh, nies oħra devoti studjawh ukoll, fehmuh u spjegawh lil oħrajn għal għexieren ta' snin.

Aħna wkoll nemmnu li kull seklu, Alla Omnipotenti jibgħat riformaturi qalb il-Misilmin, u dawn kienu responsabbli għat-tixrid tat-tagħlim veru u l-messaġġ tal-Iżlam għal kulħadd, kemm min hu Musulman u min mhux. Xi wħud mir-riformaturi ġew mis-subkontinent tal-Indja. Imbagħad fl-1889, il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija fl-Iżlam, minn Kadjan fl-Indja, ikklejmja li hu r-riformatur u l-Messija u l-Maħdi li kellu jidher fl-erbatax-il seklu u li kien ipprofetizzat mill-Profeta Qaddis.

Aħna l-Aħmadin, waqt li nemmnu fil-klejm tiegħu, nappartjenu lill-komunità tiegħu u naċċettawh bħala li hu l-Messija u l-Maħdi u li għandu jgħaqqad il-popli kollha, kemm Musulmani u kemm dawk li m'humiex, taħt Alla Wieħed, sabiex id-differenzi reliġjużi jitneħħew mid-dinja, u sabiex in-nies jibdew

jirrealizzaw l-iskop tal-ħolqien tagħhom kif mgħallma mill-profeti kollha, u li jagħtu d-drittijiet mistħoqqa lill-Ħallieq tagħhom u li jagħtu drittijiet mistħoqqa lil xulxin ukoll.

Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija fl-Iżlam, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad Kadjani, il-Messija Mwiegħed (il-paċi ta′ Alla tkun miegħu), ukoll ħabbar li l-iskop tal-miġja tiegħu kienet li jsaħħaħ l-għaqda bejn il-bniedem u l-Ħallieq tiegħu u t-tieni biex jiġbed l-attenzjoni tal-bniedem sabiex jagħti d-drittijiet mistħoqqa lejn il-ħolqien t′Alla. Hu għallem li l-bniedem għandu jersaq aktar qrib lejn il-Ħallieq tiegħu billi jqimU u għandu jagħti d-drittijiet li wieħed għandu jagħti lill-ieħor u sabiex ineħħi l-motivi ta′ lmenti kollha u l-argumenti reliġjużi li jinqalgħu fost in-nies. Hu semma wkoll li dawn huma kollha skont it-tagħlim tal-Koran Imqaddes. Hawnhekk wieħed għandu jinnota li Alla kultant jitkellem metaforikament, li jkun diffiċli għall-bnedmin li jifhmu. Għalhekk Alla jibgħat messaġġiera fid-dinja biex ifissru u jwasslu l-messaġġ ta′ Alla lilhom li kien irrivelat lill-Profeti fil-passat. Skont it-twemmin tagħna, Ħażrat Masiħ-e-Mau′ood (il-Messija Mwiegħed, il-paċi ta′ Alla tkun miegħu) hu r-riformatur speċjali li Alla Omnipotenti bagħat f′dan iż-żmien biex iwassal il-messaġġ ta′ Alla lilna.

Issa fil-qosor sejjer nelabora fuq dak li l-Koran Imqaddes jgħallimna dwar kif nistabbilixxu l-paċi fis-soċjetà u kif inħarsu d-drittijiet ta′ xulxin. Aħna l-Aħmadin nippruvaw nassiguraw li aħna dejjem nimxu fuq dan it-tagħlim u naqsmuh ma′ oħrajn sabiex id-dinja ssir kenn ta′ paċi, imħabba u armonija. Il-Musulmani ġew ikkmandati li jastjenu mill-ħażen u jaddottaw il-virtù u s-sewwa. Dwar dan il-Koran jgħid:

"Intom l-aqwa nies mrobbijin għall-ġid tal-umanità. Intom ikkmandati li tagħmlu t-tajjeb u tipprojbixxu l-ħażen u temmnu f′Alla." (Kapitlu 3 : Vers 111)

Għalhekk, il-bnedmin li jemmnu fil-Koran Imqaddes ġew mogħtija parir li juru integrità fl-isforzi kollha tagħhom u jaħdmu biex jippromwovu t-tajjeb u s-sewwa fis-soċjetajiet tagħhom. Iżda qabel wieħed ikun jista′ jagħti parir lill-oħrajn dwar dan il-mod ta′ azzjoni, wieħed għandu jipprattika dak li jippriedka. Ma tistax tagħti parir lill-oħrajn jekk int ma timxix mat-triq tas-sewwa int innifsek. Jekk dawk in-nies kollha li jikklejmjaw li huma fit-triq tas-sewwa jimxu fuq dan il-prinċipju, allura l-parir tagħhom ikun effettiv; huma jiġu meqjusa membri siewja tas-soċjetà. Oħrajn ikunu jirrispettawhom, jagħtu importanza għal dak li jgħidu, u jobduhom la huma jifhmu li dan il-bniedem mhux qed jaddotta dan il-mod li jersaq lejk għall-ġid tiegħu biss iżda jersaq minn qalbu għall-ġid tal-oħrajn. Hu jeżerċita ġustizzja mill-akbar fl-imġiba tiegħu u meta jwissi lill-oħrajn biex jaħarbu mill-ħażen u jaddottaw il-virtù, hu jistenna dan ukoll mill-għeżież tiegħu.

Kif għandna nistabbilixxu l-ġustizzja u nippromwovu paċi, imħabba u ħbiberija bejn l-aħwa fis-soċjetà. Il-Koran Imqaddes jgħid:

"U meta titkellmu osservaw il-ġustizzja, ukoll jekk il-persuna kkonċernata tkun tiġi minnek, u ssodisfa l-patt ta' Alla." (Kap 6 : Vers 153)

Il-ġustizzja teħtieġ li anke jekk ikollok tixhed kontra l-għeżież tiegħek, allura agħmel hekk. Illum meta nħarsu aktar fil-qrib madwarna, nosservaw li ħafna mit-tilwim u kawżi ta' nuqqas ta' ftehim fost il-bnedmin hu għaliex ma josservawx il-ġustizzja kif jixraq. Aħna naħsbu biss fl-interessi personali tagħna biex nakkwistaw xi ħaġa, jew f'dawk tal-għeżież tagħna, mingħajr ma nqisu l-fatt li oħrajn jistgħu jweġġgħu bl-azzjonijiet tagħna; u ladarba l-motivi ta' lmenti tagħna jiżviluppaw ikun diffiċli ħafna biex neliminawhom.

Dwar ir-relazzjonijiet internazzjonali, il-livelli ta' ġustizzja li aħna mistennija nuru huma kkmandati b'dawn il-kliem mill-Koran Imqaddes:

"O intom li temmnu! Kunu sodi fil-kawża ta' Alla, agħtu xhieda b'sens ta' ġustizzja. U tħallux il-mibegħda tan-nies tinċitakom biex tagħmlu mod ieħor minflok b'ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, jiġifieri aktar qrib is-sewwa. U ibżgħu minn Alla; tassew Alla jaf x'tagħmlu." (Kap 5 : Vers 9)

Dan hu l-livell għoli ta' ġustizzja li għandu jiġi stabbilit fis-soċjetà. Biex inneħħu l-mibegħda u n-nuqqas ta' ftehim mid-dinja rridu nuru ġustizzja sa dak il-punt fejn il-mibegħda tan-nies ma ġġagħalniex naġixxu mod ieħor ħlief b'ġustizzja.

Meta Alla Omnipotenti jgħid li Hu Jaf Kollox u Jisma' Kollox, allura għall-bniedem bil-biża' ta'Alla f'qalbu, din hija ħaġa gravi, għaliex tista' tinganna lil xi ħadd iżda ma tistax tqarraq b'Alla. Tista' tmur kontra qbil li għamilt man-nies u tqarraq bihom, iżda Alla jaf dak li hu evidenti u dak li hu moħbi f'qalbna. Għalhekk ma nistgħux nilagħbuha ta' bnedmin li moħħna jilħqilna quddiemU. Alla Omnipotenti kkmandana biex dejjem naġixxu b'ġustizzja, inżommu l-biża' ta' Alla f'moħħna, u biex dejjem nagħtu d-drittijiet li jappartjenu lil ħaddieħor bil-biża' ta' Alla f'qalbna. Meta tagħmel ftehim mal-għedewwa, agħmel hekk b'qalbek safja, u bl-iskop li tistabbilixxi ġustizzja fid-dinja. U min jemmen f'Alla għandu jiftakar li Alla qed jara dak kollu li nagħmlu. Dan it-tagħlim sabiħ jgħinna nwarrbu l-mibegħda mis-soċjetà.

Issa sejjer nagħti eżempju ta' kif il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) kien jipprattika l-ġustizzja fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Hemm irrakkuntat li darba waħda wieħed Lhudi mar quddiem il-Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) jilmenta li sieħeb tal-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) ma tahx lura l-erba' dirham, il-munita ta' dak iż-żmien, li kellu jagħti lill-Lhudi, u ż-żmien tar-radd lura tal-flus kien għadda. Il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) sejjaħ lil sieħbu u saqsieh jekk kienx kif qallu l-Lhudi, u sieħbu qallu li hekk kien. Il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) qallu biex jagħti l-flus lura. Sieħbu qallu li ma kellux il-flus dak il-ħin u li

jirritorna l-flus malli jkollu. Il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) mill-ġdid qallu, irritorna l-flus. Sieħbu reġa' wieġeb li ma kellux il-flus. Din ġrat għal tliet darbiet, u wara dan is-sieħeb ġie mġiegħel mill-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) biex jagħti lura l-flus. Hu mbagħad mar is-suq, biegħ il-ħwejjeġ li kien liebes għal erba' dirham, poġġa x-xedd tar-ras fuqu, u rritorna l-flus lil-Lhudi. Dan hu l-mod kif il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) mexxa lis-segwaċi tiegħu biex jonoraw il-ftehim tagħhom u juru ġustizzja sabiex il-paċi u l-ġustizzja jsaltnu fis-soċjetà.

It-tagħlim Koraniku u l-azzjoni li ħa l-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) juru lill-Misilmin it-triq tas-sewwa li għandhom jieħdu. Illum, dawk li jopponu lill-Iżlam jikkrikaw l-Iżlam għaliex tintuża l-forza u jgħidu li hu estrem fin-natura tiegħu; madankollu, din l-allegazzjoni hi kompletament bla bażi. L-Iżlam hu reliġjon ta' paċi, imħabba u armonija. Fl-istorja tiegħu, jekk qatt kienu miġġildin gwerer, huma ġew miġġildin għaliex bdewhom l-għedewwa tagħhom. Ukoll f'dawn il-gwerer, il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) dejjem stenna li ssir ġustizzja. Hu dejjem ordna lil sħabu li t-tfal, in-nisa, ix-xjuħ u dawk li kienu dgħajfa ma jiġux mweġġgħin. L-ebda mexxej ta' reliġjon, tkun liema tkun, li jkun qed jgħix fil-paċi fid-dar fejn jagħti l-qima m'għandu jiġi mweġġa'. Lanqs ma kellhom jitwaqqgħu siġar bi skop ta' ħsara lill-għadu. Il-gwerer kienu biss bejn armata u oħra. Kif tista' tistenna minn xi ħadd azzjoni aktar sabiħa u ta' virtù minn din mogħtija mill-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu). Bħala paragun, meta tara l-gwerer miġġielda llum, huma n-nies ċivili innoċenti u l-abitanti tal-bliet li jiġu affetwati. Huma l-membri innoċenti u d-dgħajfa tas-soċjetà li qed jintlaqtu minn dan il-bumbardament kattiv. L-Iżlam qatt ma jgħallem krudeltà bħal din. Jaħasra! Illum dan it-tagħlim sabiħ qed jiġi injorat u jagħti idea ħażina (tal-Iżlam) minn xi gruppi Musulmani, u konsegwentement jinfamaw l-isem tal-Iżlam.

F'dan iż-żmien aħna nemmnu fl-Imam (il-Mexxej), ta' dan iż-żmien, il-Messija u l-Maħdi, li għallimna li f'dawn iċ-ċirkustanzi li qegħdin fihom il-Ġiħad għandu jkun bil-pinna, u xxerrdu l-messaġġ tal-paċi, mhux tax-xabla. Il-Ġiħad tax-xabla, issa mhux permess. Issa għandna biss nikkonċentraw billi rressqu n-nies lejn it-tagħlim sabiħ tal-Iżlam.

Wara l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija twaqqaf il-Khilafat, li twaqqaf biex ikompli x-xogħol li jirrapreżenta t-tagħlim veru tal-Iżlam u jassigura li l-bnedmin jiġu mmexxija lejn it-triq tas-sewwa bir-riforma u t-taħriġ morali. Skont it-twemmin tagħna ibbażat fuq it-tagħlim Koraniku, m'hemmx impożizzjoni fir-reliġjon. Kulħadd ħieless biex jistqarr ir-reliġjon tal-għażla tiegħu, iżda ħadd m'għandu d-dritt li jbaxxi reliġjonijiet oħra jew il-fundaturi tagħhom. Dan (l-għemil) hu kontra t-tagħlim tal-Koran Imqaddes. Aħna ġejna kkmandati li

nirrispettaw is-sentimenti tal-oħrajn u nressqu l-bniedem biex jagħti qima lill-Ħallieq tiegħu sabiex ixerred il-paċi, l-imħabba, u l-armonija fis-soċjetà.

Illum, numru mhux ħażin ta' nies moħħhom biex ifittxu s-sodisfazzjon tal-interessi personali egoistiċi tagħhom, mingħajr ma jaħsbu biex jagħtu d-drittijiet ta' l-oħrajn lill-oħrajn. Jekk aħna ma nagħrfux il-Ħallieq tagħna u ma nagħtux id-drittijiet li jistħoqqu lil xulxin, id-dinja sa titmexxa lejn diżastru terribbli u l-effett tiegħu jibqa' jidher għas-snin li ġejjin u l-ġenerazzjonijiet futuri jagħtuna t-tort ta' dan kollu. Hi t-talba tiegħi ħerqana li aħna nipproteġu lilna nfusna u l-ġenerazzjoni tagħna minn qirda bħal din. Għal darb' oħra nirringrazzjakom talli qgħadtu bil-paċenzja kollha tisimgħuni. J'Alla Alla jberikkom lkoll.

Grazzi

---


**L-Assoċjazzjoni**
**Aħmadija Musulmana Malta**

Beatrice Flett 4, Triq Ġiuseppe Cali'
Ta'Xbiex XBX 1423 Malta

Tel: 21322105
Fax: 27322105
Mob: 79320139

Email:
amjmalta@gmail.com
info@ahmadija.org.mt

Websajt:
www.ahmadija.org.mt
www.humanityfirst.org


Imħabba Għal Kulħadd
Mibegħda Għal Ħadd